**13 ta' Ottubru, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel Demicoli

*versus*

L-Onorevoli *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, fil-kwalità tagħhom premessa u in rappresentanza ta' l-istess Kamra tad-Deputati

**Kostituzzjoni – Libertajiet Fundamentali – Smigħ Xieraq – Disprezz – Privileġġ – Kamra tad-Deputati – Parlament**

*Ir-rikorrent ġie mressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati mixli bi ksur, ta' privileġġ wara pubblikazzjoni minnu magħmula. Ir-rikorrent ġie misjub ħati mill-Kamra tad-Deputati ta' disprezz. Ir-rikorrent*

*ġab azzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn allega li d-deċiżjoni tal-kamra kienet tilledi d-dritt għal smigħ xieraq kif protett fil-Kostituzzjoni. Il-Prim'Awla laqgħet it-talba tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent.*

*Il-Qorti rriteniet li l-Ordinanza dwar il-kamra tad-Deputati (Privileġġi u Setgħat) (Kap. 179) ma kinitx lesiva tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-proċedura għad-disprezz ta' l-awtorità tal-Kamra tad-Deputati ma tmurx kontra l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni. Infatti fil-Kapitolu tal-Kostituzzjoni relattiv tidher ċara r-rieda ta' min fassal il-Kostituzzjoni li jassigura li l-poteri tal-Parlament fir-rigward għad-disprezz ikunu protetti. It-talba li ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrent kellha għalhekk bil-fors tiġi miċħuda.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Carmel Demicoli fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; illi huwa Editur tal-gazzetta "Mhux fl-Interess tal-Poplu";

Illi fl-10 ta' Frar, 1986, il-Kamra tad-Deputati approvat Risoluzzjoni li biha ddeċidiet illi l-artikolu bit-titolu "Mix-Xena tax-Xandir" li deher f'paġna 4 ta' "Mhux fl-Interess tal-Poplu" tat-3 ta' Jannar, 1986, jammonta għal ksur ta' privileġġ skond l-artikolu 11(1)(k) ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 179);

Illi fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu, 1986, il-Kamra tad-Deputati approvat mozzjoni li biha l-esponent, bħala Editur tal-ġurnal fuq imsemmi, ġie ordnat illi jidher quddiemha fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Marzu, 1986, fis-6.30 p.m. *ai termini* ta' l-artikolu 13(2) ta' l-Ordinanza fuq indikata, u dana sabiex jgħid għaliex ma għandux ikun iddikjarat ħati ta' ksur ta' privileġġ

skond l-artikolu 11(1)(k) ta' l-Ordinanza fuq indikata;

Illi l-proċeduri li qed jittieħdu kontra l-esponent mill-Kamra tad-Deputati qed isiru bis-saħħa ta' l-artikolu 13 ta' l-Ordinanza fuq imsemmija, filwaqt illi l-artikolu 14 ta' l-istess Ordinanza jagħti s-setgħa lill-Kamra tad-Deputati li tinfliġġi diversi forom ta' piena ta' natura penali;

Illi dawn il-proċeduri, u l-artikoli fuq iċċitati ta' l-Ordinanza fuq indikata, jivvjolaw il-garanziji kostituzzjonali ta' l-esponent sanċiti mill-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dana għas-segwenti raġunijiet;

a) Illi n-natura tal-proċeduri fuq imsemmija huma manifestament penali, ikkunsidrat kemm il-mertu ta' l-akkuża, u l-proċedura segwita, kif ukoll il-pieni previsti mill-istess Ordinanza li taħtha qed jittieħdu dawn il-proċeduri. Għalhekk skond l-artikolu 40(1) tal-Kostituzzjoni l-esponent għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn **Qorti, indipendenti u imparzjali** mwaqqfa b'liġi;

Illi l-Kamra tad-Deputati m'hix **Qorti**, la skond id-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni u lanqas skond il-liġijiet ordinarji tal-pajjiż, partikolarment il-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u dana peress illi "Qorti" fl-artikolu 40(1) tfisser biss il-"Qrati Superjuri" ppresjeduti minn Imħallfin u l-"Qrati Inferjuri" ppresjeduti minn Maġistrati;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, lanqas ma jista' jingħad li teżisti imparzjalità u/jew indipendenza fl-organu li qed imexxi dawn il-proċeduri penali kontra l-esponent peress illi f'dal-każ;

a) Il-Kamra tad-Deputati li sejra tiddeċidi l-ħtija u l-piena ta' l-esponent hija wkoll il-prosekutur li toħroġ l-akkuża;

b) Il-persuni offiżi bl-artikolu tal-gazzetta in kwistjoni, sejrin issa jipparteċipaw ukoll fid-deċiżjoni dwar il-każ minnhom stess issollevat, bi ksur ċar ta' waħda mill-bażijiet legali tal-*"fair trial"* li hija *"nemo iudex in causa propria"*;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-Risoluzzjoni ta' l-10 ta' Frar, 1986, kif ifformulata u approvata mill-Kamra tad-Deputati, tivvjola kemm ir-rekwiżiti kostituzzjonali ta' l-imparzjalità u l-indipendenza ta' l-organi illi ser jiddeċidi l-proċeduri penali kontra l-esponent, kif ukoll jivvjola l-artikolu 40(5) tal-Kostituzzjoni illi jiggarantixxi l-presunzjoni ta' l-innoċenza ta' l-esponent, u dana għaliex skond dik ir-Risoluzzjonni, **diġà ġie deċiż** mill-Kamra tad-Deputati illi l-artikolu tal-gazzetta in kwistjoni jammonta għal ksur ta' privileġġ, u għalhekk jidher quddiem istituzzjoni li ġà ddeliberat li huwa ħati;

Għaldaqstant l-esponent talab illi dik l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-proċeduri għal ksur ta' privileġġ meħuda *in forza* tar-Risoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati ta' l-10 ta' Frar, 1986, u tal-Mozzjoni ta' l-istess Kamra ta' l-4 ta' Marzu, 1986, kontra l-esponent, jivvoljaw il-garanzija kostituzzjonali ta' l-esponent sanċiti fl-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni okkorrendo tiddikjara wkoll illi l-artikolu 13 u 11 ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-setgħat tal-Kamra tad-Deputati in kwantu jawtorizzaw lill-Kamra tad-Deputati illi tieħu proċeduri penali u tinfliġġi pieni penali kontra l-esponent,

jivvjolaw l-istess artikolu 40 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tordna illi l-esponent jitqiegħed fl-*"istatus quo ante"* li kien fih qabel ma nbdew il-proċeduri penali fuq imsemmija kontra tiegħu bbażati fuq ksur ta' privileġġ;

3. Tinibixxi lill-intimati sabiex bl-ebda mod ma jipproċedu kontra l-esponent a bażi tar-risoluzzjoni u Mozzjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati;

Rat ir-risposta ta' l-intimati;

Illi d-domandi tar-rikorrent huma infondati fil-Kostituzzjoni għax din espressament tipprovdi għall-każi ta' arrest u ta' punizzjoni b'detenzjoni biex tippunixxi disprezz lejn il-Kamra tar-Rappreżentanti jew il-membri tagħha, jew bi ksur ta' privileġġ (artikolu 35(1)(ċ) u (e) tal-Kostituzzjoni;

Bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Mejju, 1986, li ddikjarat li l-liġi in kwistjoni (Kamra tad-Deputati (Privileġġi u Setgħat Kap. 179) ma tippermettix illi l-Kamra tad-Deputati minn rajha ssib x'inhuwa libell li jagħti malafama (diffamatorju), u li jekk u meta timxi għad-disprezz trid timxi skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali; u ordnat (1) li r-rikorrent jitqiegħed fl-*"istatus quo ante"* li kien fih qabel ma nbdew il-proċedimenti kontra tiegħu bbażati fuq ksur ta' privileġġ; u (b) li ma jittieħdu ebda proċeduri ulterjuri kontra r-rikorrent a bażi tar-risoluzzjoni u mozzjoni in kwistjoni; salva kull azzjoni oħra kompetenti lil

kull persuna jew awtorità kontra r-rikorrent skond il-liġi; bl-ispejjeż, *stante* n-novità tal-kwistjoni, bla taxxa bejn il-partijiet – u dan wara li kkunsidrat dwar il-fatti illi:

Wara d-dibattitu ta' l-aħħar *Budget*, fil-Kamra tad-Deputati, il-gazzetta satirika "Mhux fl-interess tal-Poplu" tat-3 ta' Jannar, 1986, ippubblikat artikolu taħt l-intestatura "Mix-Xenà tax-Xandir" mill-isem *"Send in the Clown"* li rrifera għal żewġ Onorevoli Membri tal-Kamra bħala "puliċinelli u buffi". L-Onorevoli Mr. *Speaker* studja l-każ ta' l-allegat ksur ta' privileġġ imressaq mill-Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd u mill-Onor. Bartolo fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 1986, u sab li kien hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' privileġġ skond l-artikolu 11(1)(k) ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati u l-istess Kamra għaddiet il-Mozzjoni ta' l-Onor. Joe Debono Grech "li l-Kamra tqis bħala ksur ta' privileġġi tagħha, "skond l-artikolu 11(1)(k) ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, l-artikolu intitolat "Mix-Xena tax-Xandir" li deher f'paġna 4 ta' "Mhux fl-interess tal-poplu" tat-3 ta' Jannar, 1986. Fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu, 1986, il-Kamra għaddiet mozzjoni biex jitressaq quddiemha l-Editur tal-Gazzetta "Mhux fl-Interess tal-Poplu" u ordnat lir-rikorrent jidher quddiemha fis-seduta tas-17 ta' Marzu. Ir-rikorrent ippreżenta r-rikors tiegħu quddiem il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 1986;

Il-Kamra ddibattiet il-każ fis-seduti tas-17, 18 u 19 ta' Marzu, 1986, bir-rikorrent u d-difensuri tiegħu preżenti, iżda r-rikorrent għażel li ma jgħid xejn fl-interess tiegħu. Fid-19 ta' Marzu, il-Kamra għaddiet Risoluzzjoni li biha sabet lir-rikorrent ħati ta' ksur ta' privileġġ, iżda l-Kamra ddeċidiet li l-każ ikun pospost u l-mozzjoni tal-piena titressaq f'xi seduta oħra flok dak

in-nhar;

Illi huwa opportun illi l-Qorti l-ewwel tagħmel ġabra tal-prinċipji kostituzzjonali assjomatiċi li bejniethom jibnu l-bażi tal-kwistjoni;

Illi:

a) Huwa magħruf tajjeb biżżejjed li l-Kostituzzjoni ta' Malta kienet ibbażata ħafna fuq il-Kostituzzjoni mhix miktuba tar-Renju Unit u partikolarment il-konvenzjonijiet li fuqha tistrieħ dik il-Kostituzzjoni. Għalhekk ma jistax ikun hemm xi dubju li l-prattika u t-teorija tal-Kostituzzjoni Ingliża għandhom is-siwi tagħhom fl-interpretazzjoni tal-**Prattika u t-Teorija** tal-Kostituzzjoni Maltija fejn din taqbel ma' dik Ingliża; Iżda mbagħad fejn ma taqbilx irridu bilfors infittxu l-interpretazzjoni li hija ġusta għal-liġi kostituzzjonali Maltija u l-istess kuntrast bejn iż-żewġ sistemi mill-ewwel jindika u juri ċar li għandu jkun hemm għażla bejn is-sistema Malti u dak Ingliż avvolja ta' l-ewwel ħarġet mit-tieni. U hawnhekk mill-ewwel tirrispekkja ruħha ċar l-għażla li hemm bejn il-Parlament Malti u dak Ingliż. Il-prinċipju ewlieni li fuqu jistrieħ il-Parlament Ingliż huwa li "*Parliament is sovereign*". Dan il-prinċipju f'Malta japplika biss fil-limiti tal-Kostituzzjoni miktuba. L-istudjużi tal-Kostituzzjoni Ingliża dejjem jistagħġbu bil-fatt illi waqt li fit-teorija l-Parlament Ingliż jista' jibdel il-Kostituzzjoni mhix miktuba b'maġġoranza ta' siġġu wieħed tiegħu, il-Parlament Ingliż dejjem qagħad attent li jibdel il-Kostituzzjoni meta tista' tgħid il-Poplu kollu b'unanimità sħiħa ried il-bidla, u mhux meta xi partit fil-gvern ried il-bidla. L-istess l-istudenti tal-Kostituzzjoni Maltija jiltaqgħu mill-ewwel mal-prinċipju illi "f'Malta l-Parlament huwa biss is-sultan fil-limiti tal-Kostituzzjoni". Il-Kostituzzjoni miktuba ma

torbotx biss liż-żewġ fergħat l-oħra ta' l-Istat Esekuttiv u l-Ġudikatura, torbot lill-Parlament ukoll u dan ukoll ma jistax imur 'l hemm mill-Kostituzzjoni. B'hekk fostna l-Kostituzzjoni trid tipprevali fuq il-Parlament ukoll, li filwaqt li huwa l-aqwa awtorità li tfisser ir-rieda tal-poplu bil-liġijiet li jagħmel minn żmien għal żmien fl-aħjar interess tal-poplu Malti, jagħmel hekk biss bis-saħħa tal-Kostituzzjoni miktuba u jekk dik il-Kostituzzjoni titfarrak bin-naqriet, jibqa' mingħajr awtorità li huwa għandu, kif *del resto* jibqgħu mingħajr awtoritá l-Awtoritajiet kollha maħluqa mill-Kostituzzjoni;

Illi kif il-Qrati tagħna dejjem għallmu, ċertament fil-kors ta' dan is-seklu, kull meta kellna kostituzzjoni liberali, id-dottrina ta' l-għażla tas-setgħat tas-*"Separation of powers"*, hija l-fundament żonqri tal-Kostituzzjoni tagħna, iżda hawnhekk jitfaċċa ċar dak li diġà ġie mfisser li l-prattika u t-teorija Ingliża għandhom l-utilità tagħhom fl-interpretazzjoni ta' xi partijiet tal-kostituzzjoni tagħna. Il-Qorti tirrileva dan billi fis-sistemi governattivi ta' pajjiżi demokratiċi, filwaqt li fl-interpretazzjoni tas-sistema Ingliża tas-*"Separation of powers"* hemm is-sistema taċ-*"checks and balances"*. Il-bilanċ li jinżamm bejn is-setgħat ta' l-istat li waħda tilqa' lill-oħra" – f'xi pajjiżi dekokartiċi oħra (eż: U.S.A., Franza, l-Italja) hemm is-sistema tal-*"watertight compartments of power"* (kull fergħa ta' l-istat irid ikollha l-mezzi tagħha proprji biex tintlaħaq l-awtonomija kompleta tagħha, tant li fi Franza u l-Italja l-Amministrazzjoni jew l-Esekuttiv, għandha l-Qorti tagħha, ***il-Conseil d'Etat,*** u, l-***Consiglio di Stato*** rispettivament. Issa, apparti li Montesquieu li fisser it-teorija tas-*separation of powers* għall-ewwel darba fil-filosofija politika tiegħu, *Des l'Esprit de Lois"* kien qiegħed jimmudella ruħu fuq il-Kostituzzjoni tar-Renju Unit fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax, kien is-sistema Ingliż Maitland f'isem

il-*Colonial Office* Ingliż, kien iddaħħal f'Malta bil-Proklama Nru. 1 ta' l-1815 (Ara Cassar Desain *vs* Forbes, Appell Ċivili, 1935, XXXIX.I.43);

B'hekk jiġi li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li s-*separation of powers* magħrufa mill-Kostituzzjoni Maltija hija tat-tip taċ-*"checks and balances"* u mhux tal-*watertight compartments of power*, li *del resto* l-anqas biss ma tirriżulta mill-Kostituzzjoni kif tirriżulta f'dik Franċiża u Taljana;

ċ) La dan hu hekk isegwi li t-tliet frieghi ta' l-istat Malti huma kull waħda responsabbli tal-mansjonijiet lilha mogħtija u fl-esekuzzjoni tagħhom hija awtonoma safejn il-Kostituzzjoni hekk ipprovdiet u fejn mhux hekk ipprovdut jitfaċċaw iċ-*checks and balances* normali tad-dottrina ta' l-għażla tas-setgħat, tant li l-istudjużi tal-Kostituzzjoni Ingliża jaqblu li fir-risoluzzjonijiet relattivi għall-Imħallfin, il-Parlament Ingliż, jekk qatt iqum il-każ, għandu jimxi bil-prinċipju tal-ġustizzja naturali mhux għax ikun sar Qorti, iżda għax ikun qiegħed jiġġestixxi funzjoni li hija kważi-ġudizzjarja u mhux dik tiegħu leġislattiva. Il-Qorti ma tifhimx li għall-finijiet ta' din is-sentenza għandha bżonn tiddefinixxi l-għażla bejn il-ġudizzjarju u l-kawżi-ġudizzjarju; biżżejjed lil tgħid li hija taqbel ma', u tagħmel tagħha, il-kontenut tal-paragrafi 73 – 74 u 81, tar-***Report of the Committee on Ministers' Powers, Cmd. 4060* ta' l-1932**;

Dan huwa l-metodu tad-demokrazija Maltija li jassigura li waqt li s-setgħat ta' l-istat jingranaw u jaqgħu ġo xulxin, ma jindaħlux fil-mansjonijiet ta' xulxin iktar milli riedet il-Kostituzzjoni. Kemm dan il-metodu tad-demokrazija huwa għal qalb il-poplu Malti deher ċar fir-Riformi Kostituzzjonali l-kbar ta' l-1974 fil-ħolqien ta' Malta Repubbblika; meta għalkemm

inħolqu awtoritajiet li viżibilment kienu ogħla mill-oħrajn, dawn ġew inġestati fl-awtoritajiet l-oħra biex huma wkoll jidħlu u jagħmlu sehem f'din id-diviżjoni jew l-għażla tas-setgħat, u jkun assigurat li l-ebda awtorità ma tassumi minn rajha s-setgħa ta' l-abbuż tad-dittatur. Il-Kostituzzjoni ma tfittixx liema hija l-aqwa fergħa tas-setgħat ta' l-istat; tfittex l-aħjar ingranaġġ bejn is-setgħat ta' l-istat biex tintlaħaq l-aħajr amministrazzjoni tal-pajjiż;

d) Dan kollu s'issa a bażi tas-sistemi u t-tagħlim tradizzjonali safejn dan għadu japplika. Iżda mbagħad fuq kollox irridu bilfors niftakru li jidher ċar li partijiet mill-Kostituzzjoni tagħna kienu *"begged, borrowed and stolen"* (kif jiġri fil-pajjiż ċivilizzati kollha li wieħed jitgħallem mill-ieħor, tant li bħala regola l-Liġi m'għandhiex il-protezzjoni tal-Liġijiet tal-*Copyright),* mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif il-Qrati tagħna dejjem għallmu li fl-interpretazzjoni ta' Liġijiet Maltin meħudin minn xi pajjiż partikolari, il-Qrati tagħna kien indikat li jaraw l-interpretazzjoni li l-liġi kienet mogħtija fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħha, biex iħaddmu rashom jaraw safejn dik l-interpretazzjoni tista' u għandha tkun l-interpretazzjoni tal-Qrati Maltin. Hekk ukoll irridu nħaddmu rasha biex naraw kif u safejn l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tista' u għandha tkun utili għall-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni tagħna u dana mingħajr serviliżmu min-naħa u suppervja mill-oħra, billi l-liġijiet, kif għallem l-istess Montesquieu (op. cit.) trid teħodhom fl-ambjent tagħhom u mhux sempliċement fit-teorija. Min-naħa l-oħra fl-interpretazzjoni tal-Liġi jrid jinħarab il-perikolu li wieħed jistrieħ biżżejjed fuq id-Drit komparat, billi dan huwa wisq iktar utili waqt li l-liġi tkun qiegħda ssir milli waqt li din tkun qed tiġi interpretata. L-interpretazzjoni hija l-interpretazzjoni tal-Liġi

ta' Malta u d-Dritt Komparat jista' jkun utili hawn biss fis-sens li l-liġi tal-pajjiż tkun inbidlet f'xi dettal mit-*test* tal-liġi li minnu xi parti tal-liġi Maltija tkun *"begged, borrowed or stolen"*. Il-Qorti apprezzat ħafna s-sens ta' erudizzjoni manifestat mid-Difensuri abbli tal-partijiet, Dr. Giovanni Bonello, għar-rikorrent u Dr. Carmelo Testa għall-intimat, f'dak li huwa dritt komparat, għax bejniethom bnew tajjeb ħafna l-isfond tal-każ li għandha quddiemha iżda bir-rispett kollu tifhem li għandha tistrieħ fl-interpretazzjoni tal-liġi fuq il-liġi Maltija u bħal dejjem, jekk issib li l-liġi hija ċara u ma teħtieġ l-ebda interpretazzjoni, ma għandha tipprova ġġebbed l-ebda interpretazzjoni għal dak li huwa ċar;

Wara li fissret il-prinċipji kostituzzjonali assjomatiċi għandha tgħaddi biex teżamina l-prinċipji legali li qegħdin fil-bażi ta' dan il-litiġju partikolari: Dawn huma l-artikolu 40 u 35 tal-Kostituzzjoni, u l-Kap. 179 tal-Liġijiet ta' Malta l-Ordinanza dwar il-Kamra tad-Deputati (Privileġġi u Setgħat);

Huwa ċar li f'dan il-każ irridu napprezzaw żewġ artikoli tal-Kostituzzjoni, u, jekk ikun il-każ, ir-rabta li tgħaddi bejniethom; viz: A. l-artikolu 40 li jipprovdi disposizzjonijiet biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-liġi; u B. L-artikolu 35 li jipprovdi protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitratja;

Illi l-Qrati tagħna diġà fissru fl-ogħla livell li l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni jikkontempla reati kriminali fis-sens tradizzjonali ta' dik il-frażi u li dik il-frażi ma tolqotx xi ħaġa li tista' tixbah lil reat kriminali; u li l-frażi "Qrati indipendenti" f'dan l-artikolu tfisser biss il-Qrati ordinarji – jiġifieri l-Qrati regolarment kostitwiti u mhux xi tribunal jew awtorità li teżerċita mansjonijiet kważi-ġudizzjarji (Ara Il-Pulizija *vs* Emanuele Vella – Qorti Kostituzzjoni tat-28 ta' Ġunju, 1983, li din il-Qorti,

kif ippresjeduta llum diġà kellha l-opportunità tirreferi għaliha u ssegwiha fil-każ "Anthony Coreschi *vs* Kummissarju tal-Pulizija u Ministru ta' l-Intern" tal-31 ta' Lulju, 1985. Il-Kamra tar-Rappreżentanti mhix Qorti ordinarja, ankorkè minħabba s-sistema taċ-*"checks and balances"* diġà msemmija u li għad trid terġa' tissemma, hija għandha funzjonijiet kważi ta' Leġislatur. U l-liġi li tikkontempla l-privileġġi u d-disprezz tal-Kamra (Kap. 179) ma hijiex parti mil-liġi Kriminali tal-Pajjiż. Veru, li kif argumenta r-rikorrent hemm xebh kbir bejn il-pieni kkontemplati fil-Kodiċi Kriminali li toħroġ mis-sentenza tal-Qorti Kriminali, u d-dikjarazzjoni tal-ħtija tad-disprezz u l-konsegwenzjali sanzjonijiet li joħorġu minn tali dikjarazzjoni, għad li huma ta' l-istess forma tal-penalitajiet kriminali ammonizzjoni, ħlas ta' flus, priġunerija b'danakollu m'humiex kundanna kriminal;

Għalhekk it-teżi tar-rikorrent li l-proċeduri tad-disprezz għall-awtorità tal-Kamra (ikkontemplati fil-Kap. 179) imorru kontra d-disposizzjoni ta' l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni ma treġix u għalhekk qiegħda tiġi respinta;

Illi l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni m'huwiex daqshekk ċar, peress li hawnhekk għandna kuntrast serju bejn il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kostituzzjoni tagħna li turi ċar biż-żiedet li għamlet li f'direzzjonijiet partikolari riedet konxjament twarrab mill-Konvenzjoni Ewropeja, partikolarment, għall-finijiet ta' dan il-każ, fi kwistjoni ta' privileġġi tal-Kamra tad-Deputati. B'danakollu huwa ċar daqs il-kristall li f'Malta hija l-Kostituzzjoni Maltija miktuba li għandha tipprevali fuq il-Konvenzjoni Ewropeja. Dan l-artikolu ma jħalli l-ebda dubju li f'materja ta' disprezz għall-awtorità tal-Kamra tad-Deputati dik il-Kamra, jew tal-membri tagħha jew għall-ksur ta' privileġġ, kif għandu l-Parlament Ingliż fil-

Kostituzzjoni Ingliża li fuqha l-Kostituzzjoni Maltija kienet immudellata f'din il-materja ta' privileġġi. B'dan li, ukoll jekk illum bil-Privileġġi tal-Parlament Ingliż huma kkritikati serjament minn studjużi ta' awtorità, bil-ħsieb li l-Parlament Ingliż jasal għall-bidla mixtieqa minnhom, bidla mill-Parlament Ingliż ma jkollha l-ebda effett immedjat fuq il-posizzjoni Maltija li llum toħroġ mill-Kostituzzjoni miktuba Maltija partikolarment meta niftakru li dik il-kritika awtorevoli kienet diġà teżisti meta l-Kostituzzjoni tagħna kienet qed tinkiteb;

L-abbli difensur tar-rikorrent issottometta għażla interessanti u oriġinali bejn il-verdett tal-ħtija min-naħa u l-esekuzzjoni ta' l-ordni tal-Kamra u sabiex persuna tinġieb quddiem il-Kamra mill-oħra. Issottometta illi mill-għażla tal-kliem adoperat fil-paragrafi (ċ) u (e) ta' l-ewwel inċiż ta' l-artikolu 35 għandha toħroġ ċar l-intenzjoni tal-Kostituzzjoni li l-Kamra tista' timxi bi ksur tad-drittijiet fundamentali kkontemplat fl-artikolu 35, **biss** waqt li tordna li persuna tinġieb quddiemha u waqt li persuna qed tespleta l-piena inflitta mill-Kamra, iżda mhux ukoll waqt li l-Kamra tkun qiegħda tasal għall-verdett tagħha. Minn dan argumenta li l-verdett kellu jintlaħaq mill-Qorti u mhux mill-Kamra stess. Il-ħtija tinsab mill-Qorti, u l-piena tkun inflitta mill-Kamra; kif fi proċediment kriminali l-ħtija tinstab mill-ġurija u l-piena tkun inflitta mill-Imħallef. Iżda l-proċess tal-verdett fih innifsu ma jipprospettax arrest jew detenzjoni arbitrarju u għalhekk ma kien jeħtieġ ebda eċċezzjoni bħal dik ikkontemplata fil-paragrafi (a) sa (j) ta' l-ewwel inċiż ta' l-artikolu 35, anzi hu manifest illi "l-ordni sabiex persuna tinġieb quddiem il-Kamra tar-Rappreżentanti fl-esekuzzjoni ta' l-ordni ta' dik il-Kamra" jkopri fih innifsu ż-żmien kollu li jkun meħtieġ biex il-verdett tal-Kamra jintlaħaq. Konsegwentement, l-għażla li għall-bidu dehret fina u interessanti ma treġġix meta

tkun ikkontemplata bl-irqaqat u jidher li l-materja hija kkontemplata separatament (1) fl-esekuzzjoni ta' l-ordni u (ii) sabiex jinġieb quddiem il-Kamra tad-Deputati biex ma jħalli l-ebda dubju dwar xi parti tal-proċess tad-disprezz tal-Kamra u għalhekk il-Qorti għandha u qiegħda tirrispinġiha;

Li l-liġi in kwistjoni (il-Kap. 179) kienet ċertament liġi magħrufa ħafna mill-Kamra u minn Malta kollha fiż-żmien li saret il-Kostituzzjoni miktuba (1964 – 1974) u la l-Kostituzzjoni pprovdiet speċjalment f'dawn l-eċċezzjonijiet għar-regola tal-protezzjoni minn arrest jew detensjoni arbitrarja, ma nistgħux naħarbu kemm l-ispirtu, kemm il-kelma tal-Kostituzzjoni Maltija minħabba xi analoġiji li jinstabu f'pajjiżi oħra jew fi trattati ta' awturi barranin, li l-Kostituzzjoni miktuba riedet hekk, hekk irid isir għax il-Kostituzzjoni hija l-għola liġi tal-pajjiż;

Iżda li t-teżi tar-rikorrent hawnhekk hija ġusta mhux a bażi tal-Kostituzzjoni iżda ta' l-istess liġi in kwistjoni Kamra tad-Deputati (Privileġġi u Setgħat) (Kap. 179). Il-Kamra tista' tgħaddi għall-proċedura tad-disprezz fejn, fost oħrajn, tirriżulta:

"(k) il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-*Ispeaker* jew lil xi membru jew li ntqalet minnu bħala *Speaker* jew bħala Membru fil-Kamra jew f'Kumitat tagħha; (art. 11 Kap. 179)";

Biex il-Kamra jkollha l-ġurisdizzjoni biex tgħaddi għall-proċedura tad-disprezz irid ikun jeżisti l-libell li jagħti malafama (kwistjoni mħallta ħafna ta' fatt u ta' Liġi) u l-liġi ma qalitx li din hi kwistjoni li għandha ssib il-Kamra, iżda ħaġa li għandha teżisti oġġettivament; la dan hu hekk id-dikjarazzjoni ta' l-eżistenza tal-libell diffamatorju trid l-ewwel issir oġġettivament

mill-Qorti, imbagħad ikun hemm il-proċeduri tad-disprezz fil-kamra. A skans ta' xi ekwivoku sfortunat, il-Qorti tagħmilha ċara li dan hu hekk f'każi mhux ta' fatt, iżda ta' liġi, jew ta' liġi u fatt imħalltin flimkien, fejn jista' jkun hemm kontestazzjoni serja dwar l-eżistenza ta' l-oġġett tad-disprezz, u dan peress li l-artikolu 11 ta' l-Ordinanza jikkontempla diversi ipotesijiet ta' fatt li dwar l-eżistenza tagħhom ma jistax ikun hemm dubju fil-prattika. F'dan is-sens il-Qorti tiċċita dan il-paragrafu mis-sentenza *ta' din il-Qorti* (kif kostitwita) tas-sitta (6) ta' Diċembru, 1985, fl-ismijiet "Maria Grech *vs* Raymond Mintoff, Giovanna Lautier, *l-*Onorevoli Perit Arkitett u Inġinier *ċivili Dom Mintoff* u Marianna Micallef fejn it-teorija tal-fatti ġurisdizzjonali kienet abbraċċjata u applikata;

Li wara li rat it-teorija ta' sistemi legali oħra dwar il-fatti ġurisdizzjonali, jiġifieri l-fatti li jagħtu ġurisdizzjoni biex xi korp maħluq mil-liġi jimxi *f'xi okkażjonijiet determinati*, li, meta l-liġi tkun qiegħda ssir il-Parlament, f'dawn il-każi normalment isegwi waħda minn żewġ toroq; jgħid li l-korp in kwistjoni jiċċaqlaq;

1. Jekk hu jsib li xi fatti partikolari jeżistu, jew;

2. Jekk xi fatti partikolari jeżistu. *Fl-ewwel ipotesi d-diskrezzjoni hija mħollija f'idejn il-korp li jkun li jsib li xi fatti* jeżistu jew le, għax hawnhekk il-kliem tal-liġi jixħet il-piż fuq il-korp li jkun ("jekk hu jsib") (diskrezzjoni soġġettiva); fit-tieni ipotesi d-diskrezzjoni hija waħda oġġettiva li fuqha d-deċiżjoni trid tkun tal-Qorti u mhux tal-korp in kwistjoni. F'dan il-każ partikolari l-Liġi qed tgħid ċar u tond li l-fatti in kwistjoni jkunu jeżistu mhux li l-korp in kwistjoni jsib li xi fatti jeżistu. F'dan ir-rigward il-Qorti tirriferi partikolarment għall-*casus classicus*

Ingliż *Regina vs Commissioners for Special Purposes of the Income Tax* ta' l-1888 (1888, 21 Q.B.D. 313) fejn din l-għażla kienet eleborata u d-dottrina Ingliża tal-fatti **ġurisdizzjonali *(jurisdictional fact)*** kienet imfissra b'mod l-iktar ċar (**Ara *Griffith and Street, Principles of Administrative Law***, l-ewwel edizzjoni p. 208 *et seq.)* u tagħmel l-istess argumentazzjoni tagħha'';

Il-Qorti żżid illum illi kieku l-liġi tal-privileġġi ma kinitx hekk, iżda bil-maqlub, kien ikun il-każ li jkun eżaminat dan il-provvediment tal-Liġi jiksirx id-drittijiet fundamentali kkontemplai mill-Kostituzzjoni;

Illi la l-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-artikolu 35 huwa applikabbli fil-waqt li l-artikolu 40 m'huwiex applikabbli għal dan il-każ, ma tidhirx in-neċessità li l-Qorti tistudja r-rabta li jista' jew li għandu jkun hemm bejniethom u fl-interpretazzjoni tagħhom, partikolarment id-dottrina ta' l-hekk imsejħa ''*harmonious interpretation*'' li r-rikorrent tant insista fuqha bħala li hija simpatika, loġika u preċiża. La dan hu hekk, il-Qorti tibqa' siekta għal kollox dwar din id-dottrina;

Illi la l-Qorti waslet sa hawn, waslet sal-qalba l-aktar diffiċli tal-kwistjoni kollha. La l-Kamra tista' fit-termini ta' l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni, tieħu passi hi għad-disprezz tagħha nfisha, tista' fil-fatt tagħmel assolutament hi fid-diskrezzjoni tagħha? Jew hija b'xi mod marbuta li timxi b'xi metodi partikolari? It-tweġiba ġusta għal din il-mistoqsija bilfors trid tinstab fl-interpretazzjoni normali, tradizzjonali, tal-funzjonijiet li l-awtoritajiet maħluqa mill-Kostituzzjoni għandhom u li kienu jeżistu qabel ma saret il-Kostituzzjoni miktuba u li baqgħu u għadhom jeżistu la ma kinux mimsusa mill-Kostituzzjoni u l-

liġijiet li saru wara: f'kelma waħda; it-teorija ta' l-għażla tas-setgħat u s-sistema taċ-"*checks and balances*" li permezz tagħhom jinżamm il-bilanċ bejn is-setgħat ta' l-Istat f'Malta. *Il-funzjoni prinċipali* tal-Kamra *tad-Deputati hija leġislattiva:* Iżda mbagħad għandha funzjonijiet oħra wkoll kemm esekuttiva, bħal meta tamministra tajjeb l-uffiċjali li jaqduha: kemm kważi-ġudizzjarja, bħal meta tikkunsidra, jekk qatt ikun hemm risoluzzjonijiet rigwardanti l-imħallfin, jew f'dal-każ partikolari, tikkunsidra kwistjonijiet ta' disprezz għall-awtorità *tagħha* stess. Issa fil-waqt li waqt li tkun qed tagħmel il-liġijiet, il-Kamra tagħmel il-liġijiet li jidhirlha hi fil-limiti tal-Kostituzzjoni u xejn iktar; meta timxi f'xi funzjoni kważi-ġudizzjarja, (qisha Qorti) trid timxi qisha Qorti, fis-sens li ma tistax taħrab mill-prinċipji *tal-ġustizzja naturali. i.e. fis-sens li tagħmel* li trid basta:

a) Ma timxix b'xi preġudizzju kontra jew favur xi ħadd; u

b) Li tisma' lill-parti li tkun tiġġudika fis-sens li ttiha kull opportunità meħtieġa biex tiddefendi lilha nnfisiha. Iż-żewġ prinċipji ta' ġustizzja naturali li huma magħrufin u ddikjarati mill-Qrati sallum u dan għar-raġuni sempliċi li l-ebda qasam ta' l-istat m'hu qiegħed jaqdi xi mansjoni (xi setgħa) li hija tiegħu min-natura; iżda hija tiegħu biss għax il-liġi jew l-evoluzzjoni soċjali tal-pajjiż fil-kors ta' l-istorja għal xi raġuni jew oħra (mhux dejjem magħrufa) għoġobhom jixħtu fuqu;

Kif il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jagħmlu l-liġijiet, iżda biss is-setgħa li jinterpretawhom u jaqtgħu kwistjonijiet li joħorġu minnhom; kif l-Amministrazzjoni jew l-Esekuttiv ma *għandux is-setgħa li jagħmel il-liġijiet, iżda dik li japplikawhom,* hekk ukoll il-Parlament, f'dan il-każ il-Kamra tad-Deputati li hija l-makkinarju essenzjali tal-Parlament Malti, għandha s-

setgħa li tagħmel il-liġijiet, iżda mhux li tapplikahom jew li taqta' kwistjonijiet li joħorġu minnhom. Meta tkun qed tagħmel dan ta' l-aħħar ukoll, i.e. taqta' xi kwistjoni li toħroġ mil-Liġi, għax il-Liġi jew l-evoluzzjoni soċjali storika tal-pajjiż tkun xeħtet dik is-setgħa fuqha wkoll, tkun trid timxi, kif intqal, qisu Qorti fis-sens li jsegwi l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, dik il-ġustizzja li toħroġ mhux mil-Liġi daqskemm mill-istess natura jew ħolqien;

Għalkemm, la l-Qorti sabet li l-fatt ġurisdizzjonali għad irid ikun ippruvat oġġettivament mill-Qorti, il-Qorti, teknikament għandha tieqaf hemm, a skans ta' xi malintiż sfortunat, il-Qorti tifhem li għandha tiddikjara, naturalment *obiter*, li l-*minima* tal-prinċipji naturali jkunu sodisfatti meta fir-rigward tal-preġudizzju, ikun jidher *"that there is no real likelihood of bias"* kif fissret il-Qorti kif ippresjeduta fid-digriet Charles Demicoli kontra l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika tad-9 ta' Diċembru, 1985, meta segwiet id-dottrina tal-każ: *"Fromme United Daries Ltd. vs Bath Justice* (1926 A.C. 586)", u fir-rigward ta' l-*"audi et alteram partem"*, meta dak li jkun, ikun mogħti l-opportunità li jfisser lilu nnifsu, ukoll jekk jibqa' sieket;

Il-Qorti ħasbet ħafna u fit-tul biex tara l-Kostituzzjoni kinitx tikkontempla illi s-setgħa mogħtija lill-Kamra tad-Deputati bl-artikolu 35 li taqta' hi kwistjonijiet ta' disprezz kontriha, kinitx setgħa li toħroġ għal kollox minn dik tal-Qorti li jeżaminaw jew jirrevedu *("to review")* deċiżjonijiet kważi-ġudizzjarji, peress li hu magħruf tajjeb ħafna li fi żminijiet reċenti daħlet il-moda, (li fit-tradizzjoni tal-Ġudikatura kullimkien, l-imħallef sedenti jistqarr li ma għandu ebda simpatija magħha), li fejn l-Awtorità tkun trid li l-prinċipju tal-ġustizzja naturali jitnaqqru tiddikjara li l-eżerċizzju ta' dik is-setgħat ma jistax ikun rivedut f'xi qorti jew oħra. Iżda eżami akkurat ta' l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni

ma jħalli l-ebda dubju li dik ma kinitx l-intenzjoni. Ma hemm ebda kelma li teskludi r-reviżjoni tal-Qrati; imbagħad jidher ċarissimu li dan hu hekk, peress li *"ubi voluit dixit"* (fejn hekk riedet, hekk qalet) bħal ma għamlet fl-artikolu *118* ta' *l*-istess Kostituzzjoni li bla tlaqliq jgħid li ċerta kwistjoni "ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti";

Li huwa xieraq u bir-rispett u bl-umiltà kollha fil-waqt li *tiddikjara* l-*posizzjoni legali li toħroġ mil*-*Liġi*, *għandha tfakkar* li d-dekor u d-dinjità m'humiex qegħdin biss fis-setgħa, iżda fl-eżerċizzju responsabbli tas-setgħa u konsegwentement tawgura li l-għola istituzzjoni maħluqa mill-Kostituzzjoni f'din l-okkażjoni ġġib ruħha b'mod tali, għax huma l-interessi tagħha li qegħdin fin-nofs, li tisraq *l*-ammirazzjoni, *ir-rispett u s-sens ta' stima ta'* kulħadd – u bl-aġir tagħha ssir mudell u xempju li ħaddieħor jammira u jsegwi u dan mhux fl-interess ta' dan jew dak l-individwu iżda f'dak tal-poplu li f'ismu l-Kamra tad-Deputati timxi u li lilu tirrappreżenta;

Rat ir-rikors ta' l-intimati li appellaw minn dik is-sentenza u talbu lil din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza billi tikkonferma dik il-parti tagħha fejn ċaħdet it-talba ta' l-appellat Demicoli li l-proċeduri tad-disprezz għall-awtorità tal-Kamra (ikkontemplati fil-Kap. 179) imorru kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni u fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-appellanti li l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli, u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza ċċitata fejn iddikjarat li l-Kap. 179 tal-Liġijiet ta' Malta ma jippermettix lill-Kamra tad-Deputati minn rajha ssib x'inhuwa libell li jagħti malafama (diffamatorju) u fejn ordnat li l-appellat jitqiegħed fl-*"istatus quo ante"* u ma jittieħdu ebda proċeduri ulterjuri kontrih għab-bażi tar-Risoluzzjoni u Mozzjoni in kwistjoni, u b'hekk tiċħad it-talbiet kollha ta' l-

appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta tar-rikorrent li ssottometta, fost ħwejjeġ oħra, illi huwa interpona appell minn partijiet tas-sentenza appellata, u illi fil-parti dispositiva kkontenuta fil-parti finali s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma;

Rat ir-rikors ta' l-istess rikorrent Carmel Demicoli li appella wkoll minn dik is-sentenza u, għar-raġunijiet fir-rikors imsemmija, talab lil din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza billi tirrevokaha in kwantu u sa fejn ma laqgħetx it-talba kkotenuta fir-rikors tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati;

Rat ir-risposta ta' l-intimati li, għar-raġunijiet fl-istess risposta espoti, issottomettew illi l-appell tar-rikorrent għandu jiġi respint bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell ta' kull waħda mill-partijiet mid-Difensuri ta' l-istess partijiet;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok il-Qorti ma tistax ma tirrilevax il-mod eżawrjenti, erudit u lejali li bih ġew ittrattati dawn iż-żewġ appelli mid-Difensuri tal-partijiet. Huwa appena neċessarju jingħad, però, li għap-parti u indipendentement minn kif tinsab irregolata l-kwistjoni involuta f'dawk l-appelli f'sistemi legali li m'humiex tagħna, kif riżultanti kemm minn leġislazzjoni u kemm minn ġurisprudenza u kitba barranin, il-kwistjoni għandha tiġi

eżaminata u deċiża fuq *il-bażi tal-liġijiet tagħna, prinċipalment* fosthom il-Kostituzzjoni;

Il-Qorti, għalhekk, trid tħares lejn il-kwistjoni u tinkwadra l-istess kwistjoni fil-parametri tad-disposizzjonijet leġislattivi rilevanti lokali, u l-eżami tagħha huwa neċessarjament ċirkoskritt għall-indaġini jekk u sa fejn dawk id-disposizzjonijiet humiex konċiljabbli mal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u ta' l-ebda kostituzzjoni oħra;

Kostituzzjonijiet oħra li setgħu servew ta' mudell għall-Kostituzzjoni tagħna, bħal, per eżempju, dik tal-Jamajka ta' l-1962, jistgħu jservu biss ta' għajnuna fl-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni tagħna, speċjalment f'każijiet fejn il-leġislatur Malti jkun żied ma' jew iddipartixxa mill-kontenut ta' xi disposizzjoni estera li għall-bqija jkun inkorpora fl-intier tagħha fil-Kostituzzjoni tagħna;

Fir-rikors tiegħu promotorju tal-ġudizzju r-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara illi l-proċedura għall-ksur ta' privileġġ meħuda *in forza* tar-Risoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati ta' l-10 ta' Frar, 1986, u tal-Mozzjoni ta' l-istess Kamra ta' l-4 ta' Marzu, 1986, kontra tiegħu, jivvjolaw il-garanziji kostituzzjonali tiegħu sanċiti fl-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni, u okkorrendo tiddikjara wkoll illi l-artikoli 13 u 11 ta' l-Ordinanza Dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati in kwantu jawtorizzaw lill-Kamra tad-Deputati illi tieħu proċeduri penali u tinfliġġi pieni penali kontra tiegħu jivvjolaw l-istess artikolu 40 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Il-kwistjoni devoluta lill-Qorti, għalhekk, hija jekk il-proċedura tad-disprezz għall-awtorità tal-Kamra tad-Deputati,

ikkontemplata u rregolata mill-Kapitolu 179 tal-Liġijiet ta' Malta, tmurx kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni;

L-ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza appellata, waslet fil-konklużjoni li din l-imsemmija proċedura ma tmurx kontra l-imsemmi artikolu 40, għar-raġunijiet fl-istess sentenza msemmija. Din il-Qorti tibda biex tgħid mill-ewwel li taqbel ma' din il-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti, għalkemm, però, għal raġunijiet differenti;

Il-Qorti tibda biex tirrileva illi l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, taħt il-Kapitolu IV, intitolat ''Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu'', wara li jelenka l-istess drittijiet u libertajiet, ikompli jgħid: ''id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu (fosthom l-artikolu 40, bażi ta' l-azzjoni odjerna) ikollhom effett sabiex jagħtu protezzjoni għad-drittijiet u libertajiet imsemmija qabel, salvi dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu **f'dawk id-disposizzjonijiet** (fit-*test* Ingliż: *''subject to such limitations of that protection as are contained **in those provisions**)* li huma limitazzjonijiet maħsuba biex jiżgura illi t-tgawdija ta' l-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku'';

Jidher ċar, għalhekk, illi fit-termini ta' l-istess Kostituzzjoni l-limitazzjoni li għalihom jagħmel riferenza l-imsemmi artikolu 33 ma għandhomx neċessarjament jirriżultaw mid-disposizzjoni speċifika li tagħti d-dritt jew il-libertà determinata, imma jistgħu jemerġu wkoll minn disposizzjonijiet oħra taħt l-istess Kapitolu tal-Kostituzzjoni;

*Jitnissel*, *għalhekk*, *minn dan li mhux preċiż jingħad* li l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni huwa assolut għax ma jikkontjenix eċċezzjonijiet fih innifsu, il-għaliex għall-istess artikolu 40 jista' jkun hemm limitazzjonijiet li joħorġu minn disposizzjonijiet oħra kkontenuti fl-imsemmi Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni;

L-artikolu 40(1) imsemmi jistabbilixxi l-prinċipju li kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba *l-akkuża ma tiġix irtirata*, *jiġi mogħti smigħ xieraq* għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi;

Dan l-artikolu 40 fih innifsu ma jinkludi l-ebda limitazzjoni, u għalhekk huwa manifest illi fl-ipotesi tal-mankanza ta' xi disposizzjoni oħra fl-istess Kapitolu tal-Kostituzzjoni li tikkonċerna setgħat tal-Kamra tad-Deputati in konnessjoni ma' allegati disprezz lejha jew lejn membri tagħha jew għal*l-ksur* ta' privileġġ, jekk l-att li jikkostitwixxi d-disprezz jew il-ksur tal-privileġġ jammonta għal reat kriminali *(criminal offence)*, għandu japplika l-imsemmi artikolu 40; fil-każ kuntrarju, ċjoè jekk dak l-att ma jammontax għal reat kriminali, l-artikolu 40 ma japplikax;

Fi kliem ieħor, fl-ipotesi ta' nuqqas ta' disposizzjonijiet speċifiċi fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw każijiet ta' disprezz lejn il-Kamra tad-Deputati jew membri tagħha jew ta' ksur ta' privileġġ, kien ikun hemm il-ħtieġa li jiġi eżaminat u deċiż jekk l-att kostituttiv tad-dispress jew ksur ta' privileġġ jammontax għal reat kriminali jew le, biex b'hekk jiġi stabbilit jekk hux applikabbli jew le l-imsemmi artikolu 40;

Fil-fatt, fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni tagħna hekk l-

artikolu 35, li fil-paragrafi (ċ) u (e) tas-subartikolu (1) tiegħu jagħti indikazzjoni ċara li min fassal il-Kostituzzjoni tagħna fl-1964 (li indubjament kien għak-konoxxenza tal-Kapitolu 179 tal-Liġijiet ta' Malta, ċjoè l-Ordinanza XX ta' l-1942, magħmula proprju biex tistabbilixxi l-privileġġi tal-Kamra tad-Deputati – allura l-Kunsill tal-Gvern – biex tagħti lill-Kamra xi setgħat, u tagħmel provvedimenti oħra li għandhom x'jaqsmu ma' daqshekk) ried jissalvagwarda d-dritt tal-Parlament, u l-poteri kollha inerenti għal dan id-dritt, li jipproċessa u jippunixxi għal disprezz lejh jew membri tiegħu u għall-ksur ta' privileġġ tiegħu;

Ma jistax ma jiġix osservat hawnhekk illi l-imsemmi artikolu 35 tal-Kostituzzjoni tagħna huwa identiku għall-artikolu 15 tal-Kostituzzjooni tal-Jamajka ta' l-1962, bid-differenza, però, li fl-imsemmija paragrafi (ċ) u (e) tas-subartikolu (1) tiegħu l-leġislatur tagħna introduċa r-riferenza għall-Kamra tad-Deputati, dak li fid-disposizzjoni analoga tal-Kostituzzjoni tal-Jamajka ma jeżistix;

Ta' min josserva wkoll illi bħala limitazzjoni għad-dritt tal-libertà ta' espressjoni l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni tagħna, fis-subartikolu (2)(a)(ii), isemmi, fost ħwejjeġ oħra, biex "jiġu protetti l-privileġġi tal-Parlament", anke f'dan il-każ, fl-artikolu analogu tal-Kostituzzjoni msemmija tal-Jamajka, li f'ħafna partijiet hija segwita mill-Kostituzzjoni tagħna, ma nsibu l-ebda riferenza għall-Parlament;

Jidher, għalhekk, abbondantement ċar illi kemm fil-każ ta' l-artikolu 35 u kemm fil-każ ta' l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni r-riferenza għall-Parlament ġiet appożitament miżjuda mil-leġislatur Malti li ried jissalvagwarda l-proċeduri u s-setgħat tal-Kamra tad-Deputati kkontemplati fil-Kapitolu 179 – allura diġà

*in vigore* u użati mill-Parlament *in tutela* tal-privileġġi tiegħu għal diversi drabi;

Jista' jiżdied ukoll illi fl-artikolu 66 il-Kostituzzjoni tawtorizza lill-Parlament jagħmel liġijiet biex jistabbilixxi l-privileġġi, immunitajiet u setgħat tal-Kamra tad-Deputati u l-membri tagħha, u dana soġġett biss għall-prinċipju li dan isir bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni;

*Jidher biżżejjed ċar, għalhekk, minn dana kollu premess* illi l-proċeduri fit-termini u għall-finijiet tal-Kapitolu 179 tal-Liġijiet ta' Malta, u speċifikament l-artikolu 11 u 13 ta' l-istess Kapitolu 179, m'humiex in vjolazzjoni ta' l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni. Fil-każ tagħna, għad-differenza ta' każijiet oħra fejn ma jeżistux disposizzjonijiet b'riferenza espressa għall-Parlament bħal ma jeżistu fl-artikolu 35 u 42 tal-Kostituzzjoni tagħna (*bħal ma hu l-każ, per eżempju, fil-Kostituzzjoni* msemmija tal-Jamajka), l-eżami jekk l-att addebitat lir-rikorrent huwiex reat kriminali jew le ma għandux rilevanza, għar-raġunijiet diġà spjegati;

Stabbilit, għalhekk, li s-setgħat mogħtija lill-Kamra tad-Deputati bis-saħħa ta' l-imsemmi Kapitolu 179 ma jivvjolawx l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni, in kwantu li, għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-eżerċizzju tagħhom mill-kamra huwa permess mill-istess Kostituzzjoni, huwa ovvju li l-ewwel domanda tar-rikorrent kontenuta fir-rikors tiegħu oriġinali quddiem l-ewwel Qorti ma tistax tiġi milqugħa, bir-riżultat li għalhekk l-anqas ma jistgħu jiġu milqugħa ż-żewġ domandi l-oħra tar-rikorrent li huma pedissekwi għall-ewwel waħda. *L-anqas l-ewwel Qorti, fis-*sentenza appellata, ma ddeċidiet li kien hemm ksur ta' l-artikolu 40, (l-uniku artikolu li ġiet invokata l-vjolazzjoni tiegħu) anzi

dik il-Qorti ddeċidiet illi "t-teżi tar-rikorrent li l-proċeduri tad-disprezz għall-awtorità tal-Kamra (ikkontemplati fil-Kap. 179) imorru kontra d-disposizzjoni ta' l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni ma treġix u għalhekk qiegħda tiġi respinta". Wara li laqgħet din il-konklużjoni, għalhekk, u waslet għal din id-deċiżjoni, ma kienx aktar leċitu għall-ewwel Qorti li tmur oltre u tispiċċa biex tagħti rimedji li, kif jidher mill-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni, huma riservati għall-każijiet fejn "xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun aktarx ser tiġi miksura";

Fl-aħħarnett, il-Qorti tixtieq tirrileva illi hija konxja mill-fatt illi s-soġġett ta' *"breach of privilege"* u *"contempt of Parliament"* minn dejjem ikkreja interess konsiderevoli f'ċirkoli legali u parlamentari, u ġie u għadu jiġi diskuss f'diversi pajjiżi fid-diversi aspetti tiegħu. Hekk, per eżempju, il-Qorti għandha quddiemha r-rapport ta' l-1967 ippubblikat mis-*Select Committee on Parliamentary Privilege* tal-*House of Commons* Ingliża nnominat fis-sena 1966. Tinsab ukoll edotta minn *"Research Paper"* ta' l-1985, intitolata *"Contempt of Parliament and the Media" (Research Paper No. 4)* ippubblikata mill-*Adelaide Law Review Association* ta' l-Università ta' Adelaide (Awstralja) u li tittratta dwar *"the contempt powers of the various Australian Houses of Parliament and contempt of Parliament as a legal concept";*

B'danakollu, però, jibqa' validu dak li din il-Qorti bdiet biex tirrileva fil-bidu ta' din id-deċiżjoni, ċjoè, illi l-bażi għas-soluzzjoni tal-kwistjoni nvoluta f'din il-kawża trid issibha fis-sistema leġislattiva tagħha, prinċipalment il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta. Dak li jingħad fil-kuntest ta' sistemi oħra, fil-waqt li ma jistax ma jkunx ta' interess speċjalment għall-finijiet

*"de lege condenda"* (mansjoni, din, li mhix tal-Qorti), ma jistax ikun determinanti għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni. Dak li hu determinanti hu s-sistema leġislattiva tagħna fejn għandna l-Kapitolu 179, liġi li ilha teżisti għal aktar minn erbgħin sena u li minnha sar użu minn diversi amministrazzjonijiet ma' tul dan iż-żmien kollu, u għandna l-Kostituzzjoni li tirrikonoxxi l-privileġġi u s-setgħat tal-Parlament. Din hi l-posizzjoni li tirrigwarda lilna, u sakemm il-posizzjoni tibqa' din, indipendentement minn dak li jgħidu liġijiet, deċiżjonijiet, awturi u awtoritajiet barranin, il-Qorti ma tistax tasal ħlief għad-deċiżjoni li qiegħda tasal għaliha llum b'din is-sentenza;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiddisponi miż-żewġ appelli billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi (1) tikkonfermaha, għar-raġunijiet fuq mogħtija, f'dik il-parti tagħha fejn irrespinġiet it-teżi tar-rikorrent Carmel Demicoli li l-proċeduri tad-disprezz għall-awtorità tal-Kamra (ikkontemplati fil-Kap. 179) imorru kontra d-disposizzjoni (2) tikkonfermaha wkoll fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż; (3) tirrevoka l-istess sentenza fil-bqija kollha tagħha; u (4) tiċħad it-talbiet kollha ta' l-imsemmi rikorrent;

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.